# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 12**

**Rikors numru 930/08 SM**

**Joseph Mohnani u martu Maria Theresa sive Theresa Mohnani**

**v.**

**Link Projects Limited (C 17938)**

**Preliminari:**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-atturi Joseph u Theresa Mohnani mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2013, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u konsegwentement tilqa' t-talbiet tagħhom, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` konvenuta.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-17 ta' Settembru, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1. "Illi kkoncedew appalt lis-socjeta` ntimata biex tistalla *parquet* fl-appartament numru 205, "*Town Square Apartments*", Qui-si-Sana, tas-Sliema, u tillostra l-istess *parquet*;

2. "Illi ghall-habta ta' Gunju, 2006, il-*parquet* kien tqieghed kif pattwit u nghataw l-ewwel tlett (3) passati ta' vernic;

3. "Illi l-partijiet ftiehmu li l-passata vernic finali ma tinghatax billi kien ghad fadal xi xoghlijiet x'jigu finalizzati;

4. "Illi din il-passata finali nghatat f'Novembru, 2006 u r-rikorrenti konsegwentement, effettwaw il-pagament finali ghax-xoghlijiet kondotti;

5. "Illi f'Jannar, 2007, ir-rikorrenti osservaw xi tbajja fil-wicc tal-vernic u lmentaw fir-rigward mas-socjeta` ntimata;

6. "Illi l-istess socjeta` ntimata nfurmaw lir-rikorrenti li dak riskontrat kien rizultat ta' hasil hazin tal-*parquet* mill-persuna nkarigata mir-rikorrenti;

7. "Illi nonostante cio`, is-socjeta` ntimata qablet li terga' taghmel il-vernic, bl-ispejjez ghall-istess jinqasam bejn il-kontendenti;

8. "Illi wara li s-socjeta` ntimata espletat ix-xoghol indikat fil-paragrafu precedenti, ir-rikorrenti bdew itellghu l-ghamara taghhom fl-imsemmi appartament;

9. "Illi aktar tard, wara li r-rikorrenti bdew jimxu fuq il-*parquet de quo* regghu feggew l-istess sinjali ta' qabel flimkien ma' sinjali tal-passi;

10. "Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti ma hallsux il-kont addizzjonali fuq riferit;

11. "Illi s-socjeta` ntimata gabet rapprezentant Taljan biex jispezzjona x-xoghlijiet in dizamina li kkonferma li l-injam imqieghed kien tajjeb u li l-problema kienet naxxenti mill-vernic;

12. "Illi rapprezentanti tas-socjeta` minn fejn inxtara l-vernic in dizamina ikkonkludew li l-vernic jigi xkatlat kollu u jerga' jitqieghed mill-gdid;

13. “Illi effettivament, dan kollu sar fix-xhur t’Ottubru u Novembru, 2007, meta r-rikorrenti kienu gia`nstallaw xi ghamara fl-appartament taghhom;

14. “Illi nonostante dan, il-problemi riskontrati jidher li ppersistew u rinfaccata b’dan, is-socjeta` ntimata regghet xkatlat il-vernic f’kamra partikolari u regghu tawha l-vernic mill-gdid;

15. “Illi minkejja dan, il-problema baqghet;

16. “Illi f’dan l-istadju s-socjeta` ntimata talbet opinjoni ta’ terz li rrakkomanda li l-*parquet* jigi xkatlat sal-injam u jerga’ jinghata l-vernic mill-gdid;

17. “Illi dan l-ixkatlar rega’ sar, hlief fejn kien hemm ghamara fil-kcina;

18. “Illi biex jerga’ jinghata l-vernic ingabu haddiema Taljani tad-ditta hemm indikata li solvew il-problemi tal-partijiet maghmula minnhom;

19. “Illi fejn il-vernic gie mqieghed minn haddiema Maltin, (fil-kcina), jidher li dan kien gie hazin u konsegwentement, il-*parquet* rega’ gie xkatlat u moghti l-vernic;

20. “Illi skont ir-rikorrenti, ir-rizultat ma kienx perfett izda xorta gie minnhom accettat;

21. “Illi rizultat tas-suespost, ir-rikorrenti kellhom jergghu jizbghu l-appartament u jinkarigaw ohrajn biex jergghu jiffittjaw l-ghamara mill-gdid;

22. “Illi ghalhekk damu zmien konsiderevoli biex jutilizzaw l-appartament taghhom u kuntratturi ohra inkarigati mir-rikorrenti inqabdu b’xoghol iehor u intefghu lura fix-xoghol taghhom;

23. “Illi s-socjeta` ntimata hi responsabbli ghad-danni subiti mir-rikorrenti u ghalkemm interpellata ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, baqghet inadempjenti;

24. “Illi in vista tal-premess, ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex is-socjeta` ntimata tghid ghaliex il-qorti m’ghandhiex:

i. “Tiddikjara lis-socjeta` ntimata unikament responsabbli ghad-danni minnhom sofferti fuq indikati;

ii. “Tillikwida d-danni hekk sofferti, jekk hemm bzonn b’opra ta’ periti nominandi;

iii. “Tikkundanna lis-socjeta` ntimata biex thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

iv. “Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta` ntimata;

“Rat ir-rispsota guramentata tas-socjeta` ntimata datata l-11 ta’ Novembru, 2008, li permezz taghha wiegbet sintetikament is-segwenti:

1. “Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. “Illi x-xoghlijiet ikkommisjonati saru minnha skont is-sengha u l-arti ghas-sodisfazzjon tal-istess rikorrenti;

3. “Illi s-sinjali lamentati mir-rikorrenti ma gewx ikkawzati mis-socjeta` ntimata;

4. “Illi s-socjeta` ntimata qatt ma assumiet responsabbilita` ghall-allegati difetti rikjamati u x-xoghol li sar, sar fuq struzzjonijiet tar-rikorrenti;

5. “Illi s-socjeta` ntimata qatt ma assumiet responsabbilita` fir-rigward tal-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti;

6. “Illi l-passati tal-vernic moghti mis-socjeta` ntimata wara Novembru, 2006, inghata wara pariri mis-socjeta` Wurth Limited nonostante li s-socjeta` ntimata nfurmat lir-rikorrenti li dak suggerit ma kienx jaghmel sens;

7. “Illi r-rikorrenti jridu jipprovaw il-*quantum* materjalment minnhom soffert;

“Rat il-verbal taghha diversament preseduta datat l-4 ta’ Marzu, 2009, li permezz tieghu inhatar assistant gudizzjarju biex jisma’ l-provi kollha, (ara fol 19);

“Rat il-verbal sussegwenti tal-istess qorti diversament preseduta datat is-26 ta’ Mejju, 2011, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm imsemmija, irrevokat l-inkarigu ndikat fil-paragrafu precedenti, (ara fol 27);

“Ezaminat ix-xhieda mismugha mill-assistant gudizzjarju fuq indikat;

“Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha kif issa preseduta;

“Rat il-verbal datat l-14 ta’ Novembru, 2012, li permezz tieghu il-partijiet talbu li t-trattazzjoni ssir kemm b’mod skritt kif ukoll oralment fil-modalita` hemm indikata, (ara fol 134);

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-31 ta' Jannar, 2013, u dik tas-socjeta` ntimata datata s-26 ta' Frar, tal-istess sena;

"Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

"Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-fatti in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. "Illi l-vertenza odjerna tirrigwarda x-xoghol ta' tqeghid ta' *parquet* fl-appartament tar-rikorrenti fuq indikat, mis-socjeta` ntimata;

2. "Illi t-tqeghid *de quo* sehh fil-perjodu bejn Gunju u Lulju tal-2006;

3. "Illi l-ilment originali tar-rikorrenti kien jirrigwarda l-illustrar tal-injam impoggi fl-imsemmi appartament;

4. "Illi jirrizulta pacifiku li sa Novembru, 2006, ir-rikorrenti kienu hallsu lis-socjeta` ntimata ghax-xoghol kollu minnha ezegwit, (ara fol 2 u fol 61);

5. "Illi jidher li l-ewwel ilmenti riskontrati bdew jigu sollevati mir-rikorrenti fi Frar, 2007, (ara fol 33);

6. "Illi jirrizulta li min dan il-mument il-quddiem bdiet saga inverosimili bejn il-partijiet fejn is-socjeta` ntimata giet issukjata f'vortici improbabbli ta' xoghlijiet korrettorji rigwardanti anke irqaqat ezagerati;

7. "Illi jidher assodat pero`, li l-istess socjeta` ntimata, ghalkemm assekondat il-pretensjonijiet ezageratament fastidjuzi tar-rikorrenti, xorta wettqet ix-xoghlijiet mitluba mir-rikorrenti minghajr ma asumiet kwalunkwe responsabbilita` fir-rigward;

8. "Illi f'Novembru, 2006, ir-rikorrenti hallsu l-bilanc minnhom, dovut ghax-xoghol lilhom maghmul fl-appartament *de quo* wara li x-xoghol kollu in dizamina kien gie komplut a sodisfazzjoni tal-istess rikorrenti;

9. "Illi kien biss f'perjodu konsiderevolment wara, li r-rikorrenti taw bidu ghas-saga in dizamina li eventwalment waslet ghall-procedura odjerna;

"Ikkunsidrat:

"Illi kif jirritjenu l-istess rikorrenti l-obbligu tal-appaltatur hu dak li jesegwixxi sew ix-xoghlijiet lilu kkommissjonati, (ara Darmanin vs Agius et, tas-6 t'Ottubru, 2004, Q. A. );

"Illi rigward it-trapass taz-zmien mit-terminazzjoni tal-appalt sal-ilment sollevat mir-rikorrenti dan il-perjodu twil riskontrat jimmilita favur is-socjeta` ntimata stante li f'dan il-perjodu ix-xoghlijiet in dizamina ma kienux taht il-kontroll tal-istess socjeta` ntimata u ma jistax jigi kkonstatat x'sar mir-rikorrenti fir-rigward fil-frattemp;

"Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li hemm diversi testimonjanzi li x-xoghol ezegwit mis-socjeta` ntimata effettivament gie ezegwit skont is-sengha u l-arti - tant li anke ssodisfaw lir-rikorrenti li kienu qed jeffettwaw pagamenti perjodici wara skrutinju minnhom fir-rigward;

"Illi fost l-istess testimonjanzi hemm dik ta' Lorenzo Onofri bniedem tas-sengha f'dak li-qasam partikolari, li ngieb appozitament Malta biex jispezzjona x-xoghol in dizamina li meta ezamina l-istess, sostna s-segwenti:

> "When I saw the floor my first impression was that the works were carried out beautifully and could not understand what was actually wrong", (ara fol 69);

"Illi *di piu`*, jirrizulta assodat li s-socjeta` ntimata hi wahda ta' reputazzjoni u konsegwentement affidabbli;

"Ikkunsidrat:

"Illi in vista tas-suespost din il-qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji r-risposta guramentata tas-socjeta` ntimata, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom".

## Rikors tal-appell tal-atturi (17.07.2013)

**3.** L-atturi appellanti ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. Huma jissollevaw s-segwenti punti:

*Aspetti legali dwar il-kuntratt tal-appalt*

**4.** Huma jaqblu mal-ewwel Qorti in kwantu b'referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża fl-ismijiet **Pierre Darmanin v. Moira Agius et**[1] irriteniet illi l-obbligu tal-appaltatur hu li jesegwixxi sew ix-xogħlijiet lilu kommissjonati.

**5.** Jispjegaw pero` li tali deċiżjoni elenkat diversi prinċipji ġuridiċi oħra fir-rigward tal-kuntratt tal-appalt, senjatament:

- illi l-appaltatur għandu l-obbligu li jara li x-xogħol ikun ser isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti;

- illi l-appaltatur li jesegwixxi ħażin ix-xogħol oġġett tal-appalt huwa responsabbli għad-dannu li jiġi minn tali eżekuzzjoni ħażina;

- illi l-appaltatur huwa responsabbli għal tali dannu avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol, jew ikun mexa skont l-istruzzjonijiet lilu mogħtija mill-kommittent;

- illi l-ħlas tal-prezz tal-appalt jew il-ħlas akkont ma jfissrux neċessarjament approvazzjoni tax-xogħol jekk dan fil-fatt jirriżulta difettuż;

[1] **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** – Q. Appell Inferjuri (PS) deċiża fis-06.10.2002

- illi meta jirriżultaw difetti, l-appaltatur jitqies in kolpa minħabba inadempiment;

- illi t-tutela akkordata mil-liġi lill-kommittent tinkwadra ruħha fl-ambitu ta' dik ir-responsabbilita` kontrattwali minħabba inadempiment.

*Iż-żmien bejn it-terminazzjoni tal-appalt u l-ilment tagħhom*

**6.** L-ewwel Qorti kkummentat li "*il-perjodu twil*" riskontrat bejn it-terminazzjoni tal-appalt u l-ilment tal-atturi jimmilita kontra l-istess atturi stante li f'dak iż-żmien ix-xogħlijiet ma kienux taħt il-kontroll tas-soċjeta` konvenuta u għalhekk ma setax jiġi kkonstatat x'sar mill-atturi fl-istess żmien.

**7.** L-atturi appellanti jilmentaw illi din kienet asserzjoni totalment gratwita u mhux konfortata mill-provi. Fl-ewwel lok isostnu li għall-ħabta ta' Ġunju 2006, meta kien diġa tqiegħed il-*parquet* u ngħataw xi passati ta' verniċ, kien ġie miftiehem li l-aħħar passata tal-verniċ ma kellhiex tingħata qabel ma jkun tbajjad l-appartament. Jgħidu li l-aħħar passata għalhekk ingħatat f'Novembru 2006 u jispjegaw li fil-frattemp il-*parquet* kien mgħotti bil-kartun biex ma ssirlux ħsara. Jispjegaw li bejn Novembru 2006 u Jannar 2007 ma daħlux fl-appartament, iżda f'Jannar

2007 imbagħad innotaw id-difetti fil-verniċ u sar l-ewwel ilment. Jenfasizzaw li d-difetti fil-verniċ konsistenti f'ċrieki, patches, u tbajja' u anke sinjali ta' xagħar u trabijiet li ma kienux konsonanti ma' xi ħaġa li setgħet saret da parti tagħhom jew tal-ħaddiema tagħhom.

*Il-pagamenti li għamlu l-atturi akkont*

**8.** L-ewwel Qorti kkummentat ukoll illi l-atturi tant kienu sodisfatti bix-xogħol li kienu qed jagħmlu pagamenti perjodiċi.

**9.** L-atturi appellanti jargumentaw illi waqt li kien qed isir ix-xogħol mhux possibbli li wieħed jinduna bil-problema, u lanqas immedjatament wara. Jenfasizzaw illi wara l-ewwel ilment il-partijiet kienu ftehmu li l-appartament jiġi rixkatlat u mogħti l-verniċ mill-ġdid u li dan ikun a spejjeż tat-tnejn iżda effettivament is-soċjeta` konvenuta qatt ma ppretendiet il-ħlas tan-nofs. Jikkummentaw li dan juri li s-soċjeta` konvenuta kienet qed taċċetta li s-servizz ma kienx sodisfaċenti. Jaċċennaw ukoll għall-fatt li wara dan l-appartament reġa' ġie xkatlat u mogħti l-verniċ mill-ġdid bil-prodott tal-"*Wurth",* u ma kienx sodisfaċenti u allura reġa' ġie mogħti l-verniċ mill-ġdid f'parti oħra mill-appartament u wkoll ix-xogħol ma kienx sew, u li mbagħad reġa' ingħata l-verniċ din id-darba tad-ditta "*Chimiver*". Jargumentaw illi dan kollu juri li minkejja li huma ħallsu dak li kellhom iħallsu, kienet is-soċjeta` konvenuta li kienet

inadempjenti.

*It-testimonjanza ta' Lorenzo Onofri*

**10.** L-ewwel Qorti kkwotat lil Lorenzo Onofri (bniedem tas-sengħa) jgħid illi "*When I saw the floor my first impression was that the works were carried out beautifully and could not understand what was actually wrong*".

**11.** Dwar dan l-atturi appellanti jgħidu illi Onofri kompla jgħid illi għalkemm "*from a normal view point*" ma kien jidher xejn, effettivament fi tliet jew erba' areas kien hemm difetti viżibbli "*from a certain angle of light and if you are literally on the floor looking at it*". Jaċċennaw ukoll għall-fatt li l-istess Onofri kien *supplier* tal-injam u l-ħila tiegħu hija fuq l-injam innifsu u t-tqegħid tiegħu, u mhux fuq il-verniċ, tant li fil-fatt kien irrakomanda illi dwar il-verniċ tinġieb konsulenza appożita.

*Ir-reputazzjoni tajba u l-affidabilita` tas-soċjeta` konvenuta u l-pretensjonijiet "esaġeratament fastidjużi" tal-atturi*

**12.** L-ewwel Qorti minn naħa waħda kkummentat illi l-atturi kienu qed jagħmlu pretensjonijiet "*esaġeratament fastidjużi*" u min-naħa l-oħra kkummentat illi jirriżulta assodat illi s-soċjeta` konvenuta hija waħda ta'

reputazzjoni u konsegwentement affidabbli.

**13.** L-atturi appellanti jispjegaw li kienu riedu l-ogħla kwalita` ta' xogħol possibbli u kien proprju għalhekk li inkarigaw lis-soċjeta` konvenuta. Jargumentaw illi l-affidabbilita` u r-reputazzjoni tas-soċjeta` konvenuta qatt ma kienu in dibattitu, kif qatt ma kienet in dibattitu r-reputazzjoni u l-affidabbilita` tagħhom (l-atturi) u għalhekk ħassewhom aggravati li l-ewwel Qorti dehrilha li kellha tikkummenta negattivament fuq il-fatt li kienu qed jippretendu servizz tal-ogħla kwalita.

*Il-kwantum tad-danni*

**14.** Ovvjament ladarba l-ewwel Qorti dehrilha li l-pretensjonijiet tal-atturi ma kienux ġustifikati hija ma daħlitx fl-aspetti dwar il-kwantum tad-danni.

**15.** Fir-rikors promutur tagħhom l-atturi ma talbux ammont speċifiku, iżda talbu li l-likwidazzjoni tad-danni issir mill-qorti. Fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom u (ukoll f'dan l-appell odjern tagħhom) isostnu li s-soċjeta` konvenuta naqset li tonora l-obbligi tagħha tempestivament u li minħabba li l-appartament kellu jiġi xkatlat u rixkatlat ġew ikkawżati ħsarat li minħabba fihom:

(i) l-appartament kellu jerġa' jitbajjad (f'dan ir-rigward qed jitolbu €3,094.30);

(ii) ċerta għamara titneħħa u terġa' titqiegħed, (f'dan ir-rigward qed jitolbu € 295); u

(iii) minħabba d-dewmien kien hemm *loss of use* ta' tmintax-il xahar (jispjegaw li għalkemm il-post mhux intiż biex jinkera lil terzi *r-rental value* tiegħu tul tali perjodu jammonta għal €39,000: f'dan ir-rigward jistiednu lil din il-qorti tuża d-diskrezzjoni tagħha).

**<u>Risposta tal-appell tas-soċjeta` appellata (09.08.2013)</u>**

**16.** Is-soċjeta` konvenuta wieġbet biex tgħid illi d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma.

*Nuqqas ta' ness ben l-allegati difetti u xi azzjoni/ommissjoni tagħha*

**17.** Hija ssostni li l-atturi appellanti ma pprovawx li l-imperfezzjonijiet minnhom lamentati kienu riżultat ta' xi nuqqas da parti tagħha. Jaċċennaw għax-xhieda ta' Raymond Azzopardi li qal li ma setax jasal kif saru l-l"*smears*", u li dawn bilfors li kellhom ikunu fil-livell tal-*finish*, u għax-xhieda ta' Lorenzo Onofri, li qal li l-imperfezzjonijiet lamentati mill-

atturi ma kienu xejn għajr brix fuq il-wiċċ tal-lostru.

*Iż-żmien bejn it-terminazzjoni tal-appalt u l-ewwel ilment tal-atturi u l-attivita` li twettqet fil-frattemp*

**18.** Kuntrarjament għal dak li jsostnu l-atturi, is-soċjeta` konvenuta tiċħad li l-aħħar passata ta' verniċ ingħatat f'Novembru 2006. Hija tinsisti li x-xogħol ta' *parquet* fl-intern tal-fond tal-atturi sar kollu fix-xhur ta' Ġunju u Lulju 2006 u li f'Novembru 2006 l-uniku xogħol li għamlet kien fuq l-estern tal-appartament tal-atturi, liema xogħol huwa estranju għall-mertu odjern. Tinsisti wkoll li l-ewwel ilment tal-atturi ġie reġistrat magħha fi Frar 2007 (mhux Jannar 2007) u għalhekk skont hi, seba' xhur wara li kien tlesta x-xogħol. Taċċenna wkoll għall-fatt li f'dan il-perjodu kien hemm numru kbir ta' ħaddiema li ħadmu fil-fond tal-atturi u għalhekk huwa verosimili li l-brix seta' kien ikkawżat minn xi attivita` fir-rigward.

*Sa Novembru 2006 l-attur kienu ħallsu tax-xogħol kollu*

**19.** Taċċenna wkoll għall-fatt li sa Novembru 2006 l-atturi appellanti kienu ħallsuha l-bilanċ li kien dovut lilha għax-xogħlijiet kollha li wettqet, kemm dawk li saru fl-appartament kif ukoll dawk li saru fuq barra. Tikkummenta li l-attur għandu karattru puntuljuz ħafna u li żgur

m'hemmx dubju li qabel ma ħallas huwa skrutinja x-xogħlijiet bir-reqqa.

*Is-soċjeta` konvenuta qatt ma aċċettat responsabbilita`*

**20.** Is-soċjeta` attriċi ssostni li hija qatt ma aċċettat xi forma ta' responsabbilita` għad-difetti allegati u wara li l-atturi kienu ilmentaw magħha kienet aċċettat li twettaq xogħlijiet addizzjonali bil-kundizzjoni espressa li l-atturi stess iħallsu għax-xogħol addizzjonali. Iżżid tgħid li f'tali żmien l-atturi li kienu għamlu l-ilment u talbuha tagħmel ix-xogħol addizzjonali, kienu indikawlha li kienu ser jirrikmandaw is-servizzi tagħha lit-tifel tagħhom, tant kemm kienu kuntenti bix-xogħol.

**21.** Iżżid li l-atturi jipprovaw jattribwixxu xi forma ta' aċċettazzjoni ta' responsabbilita` peress li hija kienet biddlet il-fornitur tagħha tal-lostru. Tgħid li l-fatt li hija bdiet timporta l-verniċ tad-ditta "*Chimiver*" kienet deċiżjoni għal kollox kummerċjali u bl-ebda mod relatata mal-każ odjern. Tispjega li hija, peress li l-atturi ma kienux kuntenti bir-riżultat ta' dak propost mis-soċjeta` "*Wurth*", sempliċiment offritilhom li jipprovaw il-verniċ ġdid tad-ditta "*Chimiver*" li issa kienet bdiet timporta.

*Il-"gravita`" tal-imperfezzjonijiet*

**22.** Mingħajr preġudizzju għal dak espost, is-soċjeta` konvenuta żżid

tgħid illi kwalsiasi imperfezzjonijiet huma tant insinifikanti li m'għandhom iwasslu għall-ebda responsabbilita` da parti tagħha. Tikkummenta illi dan huwa xogħol artiġjanali fejn il-proċess huwa wieħed maħdum bl-idejn, li min-natura tiegħu jippreżumi l-possibbilita` ta' xi imperfezzjonijiet. Taċċenna wkoll għax-xhieda ta' Onofri fejn qal li "*the job appeared to be properly done*" u li biex wieħed jidentifika l-imperfezzjonijiet lamentati mill-atturi wieħed irid jeżerċita skrutinju li jmur lil hinn minn dak raġonevolment mitlub f'dan il-qasam ta' xogħol. Taċċenna wkoll għax-xhieda ta' Mandy Balzan, Raymond Azzopardi u Charles Scerri minn fejn jirriżulta li dawn l-allegati imperfezzjonijiet kienu viżibbli biss meta wieħed jinżel għarkubbtejh mal-art u jħares minn ċertu angoli, f'każijiet ukoll bl-għajnuna ta' lenti ta' ingrandiment u biss wara li jiġu indikati speċifikatament mill-attur.

*L-allegati danni*

**23.** Kif fuq spjegat, l-atturi appellati qed jippretendu li jiġu kkumpensati għad-danni konsistenti fi (i) spejjeż għal tibjid mill-ġdid tal-appartament kollu u għaż-żebgħa addizzjonali li kellha tinxtara, (ii) spejjeż sa biex tinqala' u terġa' titpoġġa l-*walk in wardrobe*, u (iii) kumpens għal *loss of use* minħabba d-dewmien.

**24.** Is-soċjeta` konvenuta ssostni li assolutament ma kienx hemm

għalfejn jerġa' jitbajjad l-appartament. Spjegat li l-magna tal-ixkatlar stess fiha vacuum sabiex jiġbed it-trab, u kwalsiasi trab li ma jinġibidx mill-imsemmija vacuum jitnaddaf immedjatament bl-użu ta' għodda sabiex il-ħajt ma jittebbax.

**25.** Dwar l-ispejjeż biex titneħħa l-*walk in wardrobe*, targumenta illi r-raġuni għalfejn din iżżarmat kien għaliex kien hemm linja ta' 2mm li ma setgħetx tintlaħaq bil-magna mingħajr ma ssir ħsara lill-gwardarobbi, u għalhekk tikkummenta li d-deċiżjoni li ħadu l-atturi li jżarmawha kienet waħda irraġonevoli għal kollox.

**26.** Finalment, dwar il-kumpens għal-*loss of use* għall-perjodu bejn Jannar 2007 u Ġunju 2008, is-soċjeta` attriċi fl-ewwel lok taċċenna għall-fatt li l-fond kien intiż għar-residenza personali tal-atturi u mhux biex jagħmlu qliegħ minnu permezz ta' kera. Taċċenna għax-xhieda ta' Raymond Azzopardi fejn qal li l-attur kien qallu biex ma jgħaġġel xejn għaliex ma kienx mgħaġġel biex jidħol. Fi kwalunkwe każ tgħid li l-ewwel ilment sar fi Frar u mhux f'Jannar 2007. Iżżid li l-atturi stess riedu jistennew sa Ġunju 2007 biex jieħdu parir minn espert barrani li kellu jkun Malta dak iż-żmien; targumenta illi bejn Lulju 2007 u Novembru 2007 kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet fuq struzzjonijiet tal-atturi taħt id-direzzjoni tas-soċjeta` "*Wurth*" (minkejja li hija insistiet li l-parir ta' "*Wurth"* ma kienx jagħmel sens); tgħid ukoll li fi Frar 2008 kien meta

kienet involuta s-soċjeta` "*Chimiver*", u wara li tlesta tali xogħol kien jonqos biss l-i*skirting* li tlesta f'April 2008. Inoltre tgħid ukoll li x-xogħol ta' "*Chimiver"* sar fi Frar 2008 u mhux f'Novembru 2007 għaliex l-atturi kienu insistew li l-lostru jsir minn ħaddiema barranin tal-istess soċjeta` "*Chimiver"*.

**<u>Provi</u>**

**27.** Din il-qorti, wara li rat ir-rikors tal-appell tal-atturi u r-risposta relattiva tas-soċjeta` konvenuta, fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti.

*Verżjoni tal-atturi*

**28.** L-attur Joseph Mohnani spjega li wara li hu u martu l-attriċi Maria Theresa Mohnani xtraw l-appartament 205, Town Square Apartments, Qui-si-Sana, Sliema, fost id-diversi xogħlijiet ta' *finishing* li kienu qed jagħmlu fih kien hemm l-istallazzjoni tal-*parquet*, u għal dan ix-xogħol kienu qabbdu lis-soċjeta` konvenuta. Fil-fatt kif jirriżulta mid-Dok A[2], is-soċjeta` konvenuta kienet ħarġet *quotation* f'dan ir-rigward, li ġiet iffirmata mill-attur.

**29.** L-attur xehed illi sa Lulju 2006 il-*parquet* kien fil-fatt ġie istallat u kienu anke ngħataw tlett passati verniċ, iżda peress li kien għad fadal

[2] Dok A, ftehim bejn il-partijiet rigward ix-xogħol tat-tqegħid tal-*parquet.*

diversi xogħlijiet oħra ta' finishing xi jsiru minn ħaddiema oħra, huwa xtaq li l-aħħar passata verniċ tingħata meta dawn ikunu tlestew.

> "*Ngħid illi f'Lulju 2006 kienu ingħataw it-tlett coatings u kien fadal l-aħħar coating, illi huwa r-raba' coating. Ngħid illi jiena ridthom ma jispiċċawx kollox f'Lulju stess peress illi, kif ġia spjegajt, kien fadal finishings, bħal ma kienun tibjida sħiħa tal-flat u ma ridtx illi tittebba u tiċċappas l-art biż-żebgħa*".

**30.** Skont hu, l-aħħar passata verniċ ingħatat f'Novembru 2006. Enfasizza li l-perit tiegħu, Martin Xuereb, kien tah il-parir biex fil-frattemp (bejn Lulju u Novembru 2006) iqiegħed il-kartun mal-art sabiex ikun protett il-*parquet*.

**31.** Kompla jispjega illi xi ġimgħat wara, għall-ħabta ta' Jannar 2007 induna li kien hemm sinjali fit-tond evidenti fuq il-wiċċ tal-verniċ. Qal li lmenta mas-soċjeta` konvenuta u l-project manager John Gusman mar fuq il-post jarah.

> "*Hu ikkonferma li s-sinjali kienu fuq il-wiċċ tal-lostru, Hu beda jwaħħal fija u beda jgħid li s-seftura ħaslitu bil-biċċa biż-żrar. Jiena oġġezzjonajt u għidtu li s-sinjali kienu tal-magna tagħhom għax kollox kien fit-tond Bħala ċrieki ngħid illi kienu ċrieki kemmxejn kbar qishom tal-blades tal-mutur tal-ħakk tal-parquet*".

**32.** Jidher pero` li ntlaħaq kompromess bejn l-atturi u s-soċjeta` konvenuta illi jiġi xkatlat il-wiċċ fuq fuq, u jerġa' jingħata l-verniċ, b'dan li l-ispejjeż jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**33.** L-attur qal li ħaseb li l-problema kienet ġiet solvuta u għalhekk

ipproċeda sabiex idaħħal l-għamara, iżda hekk kif il-ħaddiema bdew jimxu fuq il-*parquet* innotaw li bdew joħorġu sinjali taż-żraben "*fis-sens li tara l-marka taż-żarbun kollu embossed ġol-parquet, u ma jmurx*". Rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni, l-attur qal li reġa' kkomunika ma' Gusman, li reġa' mar fuq il-post, u "*qalli li hemm xi ħaġa ħażina fil-parquet*". L-attur fiċ-ċirkostanzi qalilhom li ma kienx ser iħallas nofs l-ispejjeż 'rimedjali' ladarba l-verniċ baqa' difettuż.

**34.** Qal li s-soċjeta` konvenuta informatu li f'Ġunju kellu jiġi Taljan, li hija mingħandu kienet timporta l-*parquet*, u li dan seta' jispezzjona x-xogħol sabiex jara x'kienet il-problema. Dan kien ċertu Lorenzo Onofri, li kkonkluda li kwalsiasi difett kien fil-verniċ u mhux fl-injam.

**35.** L-attur kompla jispjega li "*fl-aħħar*" is-soċjeta` konvenuta ġabet xi rappreżentanti tad-ditta "*Wurth*", li kienet is-soċjeta` li tipprovdi l-lostru lis-soċjeta` konvenuta, u li ż-żewġ soċjetajiet ftehmu li l-*parquet* jiġi xkatlat mill-ġdid sal-injam, u jerġa' jingħata l-lostru mill-ġdid. U hekk sar. Qal li ta' "*Wurth*" kienu jiġu fuq il-post meta kien qed isir ix-xogħol li tlesta f'Ottubru/ Novembru 2007.

**36.** L-attur xehed illi r-riżultat reġa' kien ħażin: "*din id-darba il-parquet ġie kollu mtebba*" u għalhekk reġa' lmenta. Qal li peress li rappreżentanti mis-soċjeta` "*Wurth*" raw li kien hemm id-difetti, ġie

miftiehem li terġa' tiġi xkatlata kamra waħda, u terġa' tingħata l-verniċ, din id-darba b'sistema diversa. Iżda x-xogħol reġa' ma ġiex tajjeb:

> "*Ngħid li minkejja dan, din il-kamra ġiet ħażina ukoll. Kull darba kien ikun hemm qisu orange peel, u cloudy, u l-lostru kien kollu mimli xagħar*".

**37.** Fil-fatt il-perit tal-attur Martin Xuereb irrilaxxja ċertifikat datat 30 ta' Novembru 2007[3], fejn fir-rigward tal-*parquet flooring*, qal hekk:

> "*Unfortunately, due to the incorrect application of the sealing coat of the said flooring, the final finish has developed various deficiencies, ranging from, awful cloudy areas, roller strokes, coagulated and mottled particles and remnants of dust and hair.*
>
> "*It is my considered opinion that the timber used and the laying are acceptable, however the finishing is not up to standard, and therefore unacceptable*".

**38.** Sussegwentement l-attur kiteb ittra lis-soċjeta` konvenuta datata 21 ta' Jannar 2008[4] fejn fakkarha li "*the parquet flooring installed by your company in my apartment has not yet been acceptably finished*". Fakkarha wkoll li huwa kien ħallas kollox f'Novembru 2006 u li l-problema li qamet f'Jannar 2007 "*has up to date not yet been solved*".

**39.** B'risposta għal din l-ittra tal-attur, is-soċjeta` konvenuta wieġbet b'ittra datata 24 ta' Jannar 2008[5] fejn informatu li:

> "*….we are currently making arrangements fot Technical personnel from CHIMIVER PANSERI S.p.a. to provide a satisfactory "Chimiver"*

[3] Certifikat tal-perit Martin Xuereb, Dok C, fol 9
[4] Ittra tal-21 ta' Jannar 2008, Dok JM6, fol 78
[5] Ittra tal-24 ta' Jannar 2008, Dok JM7, fol 77

> *finish instead. This is currently being planned for week 8 and we will provide you with exact days shortly. Should this be to your satisfaction, we would start sanding the floors in week 7 in order to have the floor ready for varnishing in week 8.*
>
> "*…..We are sure tha the "Chimiver" expertise and product excellence will finally give you the perfect finish to your beautiful floor*".

**40.** F'dak l-istadju xehed li żarmaw il-*walk-in wardrobe* sabiex tkun tista' tiġi xkatlata u jingħata l-verniċ taħtha wkoll, iżda ma kienx possibbli li jiġu żarmati wkoll l-*island* u l-*cupboards* tal-kċina. Qal li l-ħaddiema tas-soċjeta` konvenuta xkatlaw il-verniċ kollu tal-appartament ħlief għall-imsemmija *island* u *cupboards* tal-kċina. Kompla jgħid li meta ġew il-ħaddiema tad-ditta "*Chimiver*", dawn għamlu l-verniċ fit-tlett ikmamar tas-sodda u dawn ġew tajbin, iżda jilmenta li l-verniċ tal-kċina, li sar mill-ħaddiema Maltin tas-soċjeta` konvenuta, ġie ħażin. Qal li reġa' ilmenta ma' Gusman u nel frattemp ibnu (iben l-attur) ikkomunika l-Italja mal-persuna tal-"*Chimiver*" li kienet hawn Malta u ġie suġġerit lilu li l-*parquet* jiġi xkatlat ħafif jerġa' jingħata l-lostru. "*Dana sar u ġiet madwar 80% tajba, pero` għalaqt għajnejja, u aċċettajtha kif inhi*".

**41.** Il-perit Martin Xuereb fix-xhieda tiegħu xehed li s-soċjeta` konvenuta kienet ġiet inkarigata mill-atturi għax-xogħol tal-*parquet* wara li kienu ġabu diversi *quotations*. Huwa kkonferma l-verżjoni tal-fatti ta' Joseph Mohnani u qal li s-soċjeta` konvenuta kienet tikkoopera fir-rigward tad-difetti li kienu joħorġu fil-verniċ.

> "*Jiena kont involut fil-proċess kollu, u tal-Link kienu jafu x'qed jiġri,*

*kienu co-operativ ħafna u ppruvaw ħafna biex isolvu*".

**42.** Żied jgħid ukoll illi minħabba lix-xogħlijiet rimedjali kien neċessarju li l-appartament jerġa' jitbajjad.

> "*Bħala trabijiet tal-ixkatlar u effetti oħra, ngħid bilfors kien hemm ftit ħsarat mal-ħitan u soqfa kf ukoll ftit mal-bibien imma dawna kienu minimi. Bħala ħsarat qed nitkellmu dwar trabijiet, iżda dana wassal biex ikun hemm tibjida oħra*".

**43.** Raymond Mallia (impjegat mas-soċjeta` Patrick Joinery Work) xehed li jaf lill-attur għaliex kienu ħadmulu fl-appartament in kwistjoni. Ikkonferma l-verżjoni tal-attur li meta kienu marru biex idaħħlu l-għamara innotaw il-passi tagħhom fuq il-verniċ. Qal li għall-ewwel ħasbu li kien iż-żarbun tagħhom li qed jerħi iżda ma kienx il-każ. Ikkonferma wkoll illi fost l-għamara li kienu qegħdu, kien hemm *walk-in wardrobe*:

> "*Mohnani ġie u talabna biex nerġgħu naqilgħuha peress li kellu jerġa' jixkatla ruħu l-parquet.kienet qegħda titqiegħed l-għamara jidhru l-passi fuq il-parquet. Aħna żarmajniha, ħallejniha hemm, u wara, meta qalilna hu, erġajna morna narmawha*".

**44.** Muri r-riċevuti Dok JM5[6] fl-ammont ta' €295 (waħda riċevuta fiskali fuq isem Partrick Borg, u l-oħra bil-letter head ta' Patrick Joinery Work – it-tnejn relattivi għall-istess xogħol ta' żarmar tal-walk in wardrobe) ikkonferma li dawn inħarġu mill-imgħallem tiegħu.

[6] Dok JM5, fol 40-41

**45.** Edward Migneco (xogħol ta' tibjid) xehed illi lill-attur jafu għaliex kienu bajjdu l-appartament tiegħu f'tas-Sliema, u eventwalment "*kellna nerġgħu nagħmlu x-xogħol*". Qal li jiftakar li kien hemm problema bil-*parquet,* saħansitra kien ra d-difetti hu stess u nnota li kien jittebba meta timxi fuqu u li kien hemm xi linji li baqgħu jidhru. Jiftakar li kellu jiġi xkatlat u mogħti l-verniċ "*ma nafx kemm-il darba ppruvaw*". Qal li wara li finalment issolviet il-problema kien bagħat għalihom l-attur:

> "*…u rajna l-ħitan u s-soqfa kienu kollha tbajja' tal-ixkatlar. Ippruvajna nnaddufhom u ma rnexxilniex, u għalhekk kellna nerġgħu niżbgħu kull ma hemm għal darb'oħra. Bħala żebgħa kien hemm żebgħa li kien għad fadallu hu u xtrajna xi ftit, madwar 10 litri, aħna*".

**46.** Fil-fatt muri r-riċevuta Dok JM3[7] ikkonferma li fil-fatt kienu xtraw 15-il litru. Muri r-riċevuti fiskali Dok JM2[8] relattivi għax-xogħol ta' tibjid, spjega li kienu ħarġu tnejn - kull waħda fl-ammont ta' €1470 - peress li kien hu flimkien ma' sieħbu Manuel Attard li għamlu x-xogħol. (Fil-fatt waħda hija maħruġa f'isem Edward Migneco u l-oħra f'isem Emmanuel Attard).

*Verzjoni tal-konvenuti*

**47.** **Raymond Azzopardi** (impjegat mas-soċjeta` konvenuta) xehed illi il-*parquet* fl-appartament tal-atturi tqiegħed minnu. Spjega fid-dettall il-proċess ta' kif isir l-ixkatlar, it-tindif u l-lostru. Mistoqsi meta tlesta x-

---

[7] Dok JM3, fol 38
[8] Dok JM2, fol 36

xogħol qal li jidhirlu li l-proċess kollu nbeda f'Ġunju u spiċċa f'Lulju (2006). Qal li kien ħames xhur wara li kienu informawh fuq ix-xogħol li kien hemm xi problema. Mar fuq il-post u qal li għall-ewwel ma seta' jara xejn stramb u l-art kienet nadifa mbagħad meta l-attur beda jurihom bid-dawl u niżlu għarkubbtejhom "*bdejna naraw qishom smears f'forma ċirkolari f'postijiet differenti"*. Qal li kienu ftit u sporadiċi. Għalkemm ma setax jasal kif saru dawn l-i*smears*, qal li bilfors li kellhom ikunu fil-livell tal-*finish*. Qal li xkatlaw kamra tas-sodda ħafif u tawha l-istess *finish,* iżda l-attur informahom li kienu ħarġu l-istess imperfezzjonijiet. Ix-xhud ikkonferma li sussegwentement kien ġie l-espert li ġie minn barra (Onofri) u kien eskluda li d-difett kien mill-injam jew mill-ixkatlar. "*Kien qal illi kien mill-polish*". Ix-xhud ikkonferma wkoll li rappreżentanti tad-ditta "*Wurth*" kienu marru fuq il-post u ssuġġerew li jerġa' jsir l-ixkatlar mill-ġdid u jagħtuhom lostru differenti. Qal li pero` wara li għamlu x-xogħol b'*water based finish* f'kamra waħda dan ma qabadx, imbagħad ta' "*Wurth*" qalulhom biex jagħmlu l-istess proċess iżda b'taħlita differenti. Kompla jgħid li xkatlaw il-kmamar tas-sodda u applikaw din it-taħlita, iżda "*Ngħid illi x-xogħol ma ġiex tajjeb u ħarġu imperfezzjonijiet oħra fis-sens li ħarġu bubbles żgħar u l-injam kien skura*".

**48.** Xehed li sussegwentement daħlu fix-xena tad-ditta "*Chimiver*". Qal li reġa' għamel l-ixkatlar mill-ġdid. Qal li l-attur għażel li jżarma l-*walk in wardrobe* peress li kien hemm line rqiq ta' madwar 2 mm li ma

setax jintlaħaq bil-magna. Xehed li l-ħaddiema barranin mid-ditta "*Chimiver*" taw il-verniċ fit-tlett kmamar tas-sodda, u meta telqu, huma (tad-ditta konvenuta) taw il-verniċ fil-kċina u s-salott.

**49.** Charles Scerri (impjegat mas-soċjeta` konvenuta) xehed li meta mar biex jaħdem fl-appartament tal-atturi kien Settembru. (Għalkemm ma jafx meta kienet is-sena jidher li kienet is-sena 2006). Qal li x-xogħol li għamel hu kien fuq barra tal-appartament, u li sa dak iż-żmien ix-xogħol ta' ġewwa kien diġa lest. Mill-ewwel ilment tal-atturi sakemm il-kwistjoni tal-*parquet* fimalment issolviet bl-intervent tal-"*Chimiver*", Scerri mar diversi drabi fuq il-post, daqqiet biex jgħin fl-ixkatlar u daqqiet biex jgħin waqt li qed jingħata l-lostru. Meta finalment tlesta x-xogħol kollu qal li l-istat tal-post kien tajjeb u l-ħitan kienu tajbin. Spjega li għalkem il-magna tal-ixkatlar għandha vacuum, din xorta ttajjar it-trab iżda huma kienu naddfu l-ħitan u l-għabra bi xkupa ħafifa.

**50.** Lorenzo Onofri (*export manager* tad-ditta Stile Pavimenti Legno S.p.a., is-soċjeta` li mingħandha s-soċjeta` konvenuta timporta l-injam) meta mar jispezzjona l-post tal-atturi fis-sajf tal-2007 qal li mal-ewwel daqqa t'għajn:

> "*my first impression was that the works were carried out beautifully and could not understand what was actualy wrong….one could not see anything from a normal point of view however the defects were visible only from a certain angle of light and if you are literally on the floor looking at it.*

> "*….the defect was certainly in the top layer and not in the wood. It appeared more as if it were a scratch and abrasion on the surface of the parquet*".

**51.** Kontro-eżaminat qal li kien issuġġerixxa li s-soċjeta` konvenuta tavviċina lis-soċjeta` li pprovidet il-varniċ.

**52.** Mandy Balzan (*Sales director* tas-soċjeta` konvenuta) xehdet li l-aħħar passata ta' verniċ kienet ingħatat f'Lulju 2006 u mhux f'Novembru 2006 kif xehed l-attur. Qalet li f'Novembru 2006 kull ma kien għad fadal kien xogħol fuq it-taraġ tal-appartament, li sar mill-impjegat tagħhom Charles Scerri. Qalet li l-attur tant kien sodisfatt bix-xogħol li sa Novembru 2006 kien ħallas il-bilanċ kollu relattiv għax-xogħol ta' *parquet* kollu.

**53.** Sostniet li l-ewwel ilment dwar il-*parquet* intern sar fi Frar 2007, u cioe` seba' xhur wara li kien tlesta ix-xogħol kollu tal-*parquet intern.* Qalet li meta marru fuq il-post mad-daqqa t'għajn ma kien jidher xejn, iżda meta wieħed jitbaxxa u jħares minn ċerti angoli kienu jidhru "smears" mhux fondi fil-wiċċ tal-verniċ, li kienu mferrxin f'postijiet differenti. Qalet li kien evidenti li minn meta spiċċaw ix-xogħol tal-*parquet* kienu daħlu diversi ħaddiema tal-atturi fil-post u għalhekk kien diffiċli biex wieħed jikkonkludi biex setgħu saru tali "*smears*". Enfasizzat li s-soċjeta` konvenuta ma kienitx qed tieħu responsabbilita` għal tali "*smears*" iżda fuq pressjoni tal-attur aċċettat li tixkatla b'mod ħafif il-wiċċ

tal-verniċ tal-*parquet* u tapplika passata oħra, u dan bi prezz imnaqqas.

**54.** Ikkonfermat illi minkejja li sar dan ix-xogħol l-attur baqa' ma kienx sodisfatt u għażel li jistenna sa Ġunju 2007 meta rappreżentant tas-soċjeta` Taljana li tesporta l-*parquet* lis-soċjeta` konvenuta kellu jkun Malta u għalhekk seta' jmur fuq jispezzjona x-xogħol hu. Xehdet li tali rappreżentant, certu Lorenzo Onofri qal li l-injam kien ta' kwalita` tajba u l-i*smears* kienu fil-verniċ.

**55.** Xehdet li sussegwentement il-partijiet ftehmu li tiġi avżata s-soċjeta` "*Wurth*" li kienet tissupplixxi l-verniċ. Qalet li dawn kienu ssuġġerixxew li l-*parquet* jiġi xkatlat sal-injam, jingħataw passati ta' tipi ta' verniċ skont struzzjonijet tagħha (għalkemm skont hi is-soċjeta` konvenuta ma kienitx tal-opinjoni li tali metodu kien jagħmel sens u li kienet anke qalet dan id-diskors lill-attur). Kompliet tgħid li l-ħaddiema tas-soċjeta` konvenuta esegwew tali xogħol taħt is-superviżjoni ta' rapprezentanti tas-soċjeta` "*Wurth*" iżda r-riżultat ma kienx tajjeb (kif fil-fatt immaġinaw) u l-attur ma kienx sodisfatt. Ikkonfermat li dan kien għall-ħabta ta' Novembru 2007 u għamlet aċċenn għaċ-ċertifikat li ħareġ il-perit tal-attur fir-rigward.

**56.** Spjegat li fil-frattemp is-soċjeta` konvenuta kienet fi ftehim mas-soċjeta` taljana "*Chimiver Panseri* S.p.a." sabiex tibda' tuża l-prodotti

tagħha:

> *"Aħna infurmajna lill-attur b'dan u li jekk ried seta' jipprova juża dan it-tip ta' verniċ fl-appartament tiegħu. Huwa aċċetta dan iżda talab li din id-darba jkunu ħaddiema tal-"Chimiver" li kellhom jiġu xi ġranet wara, sabiex japplikaw il-verniċ*".

**57.** Xehdet li proprju fil-11 ta' Frar 2008 il-ħaddiema tas-soċjeta` konvenuta xkatlaw l-appartament kollu u sussegwentement ħaddiema mis-soċjeta` "*Chimiver*" taw il-verniċ. Qalet pero` li dawn ma laħqu lestew il-kmamar tas-sodda biss, peress li kellhom jirritornaw lura l-Italja, u għalhekk il-kumplament għamluh il-ħaddiema tas-soċjeta` konvenuta. Hija tiċħad il-verżjoni tal-attur li fejn ingħata l-verniċ mis-soċjeta` konvenuta dan ma kienx sew u kellu jerġa' jsir.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti</u>**

**58.** Din il-qorti wara li eżaminat il-verżjonijiet taż-żewġ partijiet tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

*Dwar ix-xogħol difettuż u l-assunzjoni o meno tar-responsabbilita` da parti tas-soċjeta` konvenuta*

**59.** Fl-ewwel lok għandu jingħad li l-fatt li l-atturi ħallsu l-prezz kollu tal-*parquet* ma jammontax għal approvazzjoni awtomatika tax-xogħol u ma jeskludihomx milli jressqu l-ilmenti tagħhom fir-rigward, anke jekk id-

difetti ġew innotati ulterjorment u mhux fil-mument li sar il-ħlas.

**60.** Kemm jekk l-aħħar passata ta' verniċ ingħatat f'Lulju 2006 (kif isostnu l-atturi) u kemm jekk ingħatat f'Novembru 2006 (kif issostni s-soċjeta` konvenuta), ix-xogħol li lestiet oriġinarjament is-soċjeta` konvenuta rriżulta li ma kienx a sodisfazzjon tal-attur.

**61.** Wara l-ewwel ilment, minkejja li s-soċjeta` konvenuta qablet li tixkatla l-*parquet* u terġa' tagħti passata verniċ (skont is-soċjeta` konvenuta dan kellu jkun bi prezz inqas u skont l-attur dan kellu jkun bin-nofs prezz) ix-xogħol ukoll reġa' ma kienx tajjeb, tant li s-soċjeta` konvenuta ma insistietx li l-attur iħallas f'dan ir-rigward. Dan juri li għalkemm fil-bidu ma kienitx konvinta li d-difetti fix-xogħol oriġinali kienu ġejjin mill-verniċ stess (u li setgħu invece kienu naxxenti mill-mod ta' kif inħasel il-*parquet*, jew mill-fatt li daħlu diversi ħaddiema tal-attur li setgħu kkaġunaw dannu fil-verniċ), din it-tieni darba kien evidenti anke għaliha li d-difett kien mill-verniċ stess.

**62.** Kif muri *supra*, s-soċjeta` konvenuta fil-fatt intentat diversi drabi ssolvi l-problema, kemm bl-intervent tas-soċjeta` "*Wurth*" kif ukoll l-intervent tas-soċjeta` "*Chimiver*" sakemm fl-aħħar l-attur kien sodisfatt. Ta' rilevanza partikolari hija l-ittra tal-24 ta' Jannar 2008 li hija bagħtet lill-attur (wara x-xogħol rimedjali u diżappuntanti li sar bl-intervent tas-

soċjeta` "*Wurth*") fejn qaltlu li kienet qed tagħmel arranġamenti ma' persuni tekniċi mid-ditta "*Chimiver*" "*to provide a satisfactory "Chimiver" finish instead*" u fejn spiċċat tgħidlu:

> "*We are sure that the "Chimiver" espertise and product excellence will finally give you the perfect finish to your beautiful floor*".
>
> (enfasi ta' din il-qorti)

**63.** Notevoli huwa l-fatt li s-soċjeta` konvenuta qatt ma bagħtet kontijiet addizzjonali fir-rigward tax-xogħlijiet kollha rimedjali li saru: la għall-materjal, la għall-ħaddiema tagħha u lanqas għall-intervent tal-ħaddiema tas-soċjetajiet "*Wurth*" u "*Chimiver*".

**64.** Dan kollu juri li anke jekk l-attur kien xi ftit perfezzjonist, ma kienx esaġerat fil-pretenzjonijiet tiegħu u d-difetti ma jistgħux jitqiesu bħala insinnifikanti. Fil-fatt għalkemm Raymond Azzopardi xehed li l-attur kien "*esiġenti ħafna*" qal ukoll li huwa sempliċiment "*ried kwalita` tajba ħafna ta' xogħol*". Li kieku l-attur kien qed ikun irraġonevoli, is-soċjeta` konvenuta ma kienitx tagħmel tant xogħlijiet rimedjali a spejjeż tagħha. Dan il-fatt juri li kien qed jiġi aċċettat da parti tas-soċjeta` konvenuta li l-*finish* tal-*parquet* kull darba ma kienx qed ikun għal kollox sodisfaċenti.

**65.** Fil-fehma ta' din il-qorti kienet inkorretta l-ewwel Qorti meta kkummentat li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ssekondat il-"*pretenzjonijiet esaġerament fastidjużi*" tal-attur, wettqet ix-xogħljiet

mingħajr ma assumiet xi responsabbilita` fir-rigward. Huwa kontro-sens li s-soċjeta` konvenuta dehrilha li għandha tagħmel xogħlijiet rimedjali a spejjeż tagħha mbagħad issostni li ma kienitx qed tassumi responsabbilita`.

*Dwar id-danni*

**66.** Jirriżulta li minkejja li l-magna tal-ixkatlar kellha magħha *vacuum*, xorta waħda bl-ixkatlar kollu li sar fl-appartament il-ħitan tqâbru xi ftit. Din il-qorti teskludi li l-attur iddeċieda li jieħu l-intrigu li jerġa' jbajjad l-appartament kollu kappriċċożament. Lanqas ma tlumu li ħa d-deċiżjoni li jaqla' l-*walk in wardrobe* sabiex l-ixkatlar u l-verniċ taħtha jiġi jaqbel mal-kumplament. Dan wara kollox kien appartament ġdid fjamant u wieħed japprezza li l-atturi riduh ikun ta' standard għoli.

**67.** Dwar it-talba tal-atturi għal kumpens minħabba *loss of use* tal-appartament bħala riżultat taż-żmien li nħela sakemm finalment ix-xogħol tlesta a sodisfazzjon tagħhom, din il-qorti invece, ma jidhrilhiex li din hija ġustifikata. L-appartament rieduh għall-użu personali tagħhom u mhux biex jinkera. Fil-fatt meta tlesta marru joqgħodu fih u għadhom joqgħodu fih sal-lum. Lanqas ma ġie pruvat li daħlu f'xi spejjeż ta' kera sakemm tlesta u setgħu jmorru joqgħodu fih. Fil-fatt fix-xhieda tiegħu Raymond Azzopardi xehed illi l-attur kien jgħidlu li "*għaġla m'għandux*

*għax fejn joqgħod kellu*". Għalhekk lanqas ma jidher li l-atturi sofrew danni f'dan ir-rigward.

**68.** Fid-dawl ta' dan kollu din il-qorti hija tal-fehma li l-appell tal-atturi huwa ġustifikat in kwantu jirrigwarda l-ispejjeż li għamlu sabiex reġgħu bajdu l-appartament mill-ġdid u sabiex żarmaw u reġgħu installaw il-*walk in wardrobe*, li flimkien jammontaw għal €3,379.30.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell tal-atturi, tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta u tilqa' t-talbiet tal-atturi u:

(1) tiddikjara lis-soċjeta` konvenuta appellata unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi appellanti meta kellhom ibajdu l-appartament mill-ġdid u jżarmaw u jerġgħu jinstallaw il-*walk in wardrobe*;

(2) tillikwida d-danni hekk sofferti fl-ammont ta' €3,379.30;

(3) tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta appellata tħallas lill-atturi appellanti s-somma ta' €3,379.30.

In vista tal-fatt li d-danni li l-atturi talbu li jiġu likwidati jirreferu mhux biss:

(i) għall-ispejjeż addizzjonali minnhom inkorsi (liema talba din il-qorti ssib li hija ġustifikata), iżda wkoll

(ii) għall-kumpens relatat mal-valur tal-appartament minħabba d-dewmien tat-tlestija - li fis-sottomissjonijiet tagħhom u anke fir-rikors tal-appell tagħhom jargumentaw li dan iwassal għal €39,000 (li kif fuq spjegat din il-qorti ma ssibx li tali talba hija ġustifikata),

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb